**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Doriette Cuschieri]**

**vs**

**Diane Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 897/15**

**Illum, 30 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Diane Vella detentrici tal-karta tal-identita` numru 489168(M).

Akkuzat talli: talli f'Lulju 2015 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġgiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqlet tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn hames t'elef Ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Parick Manning id. 38621A u Pauline Manning id. 255140M u/jew HSBC Bank Malta plc u/jew Shopwise Supermarket;

2. b'mezzi kontra il-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġgiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila,

setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqlet tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' anqas minn hames mitt ewro (€500), ghad-detriment ta' Kevin Manning id. 63403L u/jew HSBC Bank Malta plc;

3. talli f'Gunju 2015 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettiet serq ta' zewg cekkijiet tal-HSBC Bank bin-numri 000211 u 000215, ilkoll mahrugin fuq kont bankarju numru 13174115001 bi hsara ta' Patrick Manning id. 38621A u Pauline Manning id. 255140M; kif ukoll ikkommettiet serq ta' zewg cekkijiet tal-HSBC Bank bin-numri 000183 u 000184 mahrugin fuq kont bankarju 87102752001, bi hsara ta' Kevin Manning id. 63403L u/jew HSBC Bank Malta plc;

4. aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi ghad-dannu tas-sinjuri Manning u/jew HSBC Bank;

5. u talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlet użu minn dokumenti foloz ghad-dannu tas-sinjuri Manning u/jew HSBC Bank.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti;

Rat illi l-imputata ikkoperat bis-shih mal-prosekuzzjoni u li l-fedina penali tal-imputata hija netta; u

Semghet l-ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-imputata ghall-akkuzi kif dedotti kontriha wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha.

Ghal dawn il-motivi, u wara l rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a)(c), 261, 284, 285, 183, 184, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u filwaqt li l-akkuzi tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza, qeghda issib lill-imputata Diane Vella hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, filwaqt li tordna r-restituzzjoni tas-somom hekk dovuti lill-parte civile.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**